## Il-Magħmudija tal-Mulej

### Ħadd wara l-Epifanija

***Daħla:*** Meta kellu tletin sena Ġesù tgħammed fix-xmara Ġordan minn Ġwanni. Waqt li kien jitlob, il-Missier għammdu bl-Ispirtu s-Santu u ddikjara li Ġesù hu Ibnu l-għażiż. Minn hawn tibda l-ħidma kollha ħniena ta' Ġesù. Taħt il-qawwa u l-gwida tal-Ispirtu tal-Mulej, Ġesù jibda l-Ġublew tal-Grazzja tal-Mulej biex jeħlisna mill-ħakma tax-Xitan u jagħmilna wlied ħielsa ta' Alla l-Etern. Skont Isaija, dan hu Alla tagħna, ir-Ragħaj tagħna. Nibdew niċċelebraw billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Fil-profezija li se tinqara naraw il-karattru u l-missjoni tal-Mibgħut ta' Alla li kellu jġib is-salvazzjoni u l-ferħ lill-popli kollha. Il-Messija hu Ragħaj li jiggwidana fit-triq tas-salvazzjoni.

***Responsorju tas-Salm:*** **Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej!**

***It-Tieni Qari:*** Bil-missjoni ta' Ġesù, aħna kellna nsiru l-werrieta tal-grazzja u nimtlew bl-Ispirtu tal-Qdusija.

***Offertorju:***(*X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid*):
Alla l-Missier offrilna lil Ibnu stess b'offerta bla tebgħa għas-salvazzjoni tagħna. X'lesti li noffrulu aħna? Inkantaw flimkien….

***Tqarbin:*** (*Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid*)
Fit-talba ta' wara l-Konsagrazzjoni, is-saċerdot talab li kull min jitqarben jingħaqad ħaġa waħda ma' Ġesù u mal-aħwa kollha li jitqarbnu. Ejjew nitqarbnu b'qalb ferrieħa. Inkantaw flimkien….

***Ringrazzjament:*** (*waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid*)
"Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej" għidna fis-Salm Responsorjali. Ejjew inbierku lill-Mulej u ngħannulu b'ferħ ir-ringrazzjament tagħna. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

***Kant tal-Għeluq…***